# Il-Ħrafa tax-Xhur

## Rakkont għat-Tielet sena tal-Primarja

Darba waħda kien hemm mara xiħa u fqira li kienet tgħix waħidha. Lejla waħda kien dawl ta' qamar mill-isbaħ u x-xwejħa ddeċidiet li tmur passiġġata. Telqet lejn il-kampanja u tant ħadet gost timxi li xejn ma ndunat li kienet daħlet ġol-foresta. U wara ftit indunat li kienet intilfet.
"X'waħda din, issa fejn se nistrieħ matul il-lejl?" bdiet tgħid bejnha u bejn ruħha. Imma f'daqqa waħda, ix-xwejħa tilmaħ bħal dawl ċkejken fil-bogħod. Ħadet ir-ruħ hekk kif lemħitu u bdiet miexja lejh. Wara ftit indunat li dak id-dawl li rat kien ġej minn tieqa ta' dwejra mrekkna qalb is-siġar. Ix-xwejħa ma damitx ma waslet ħdejn il-bieb tad-dar. Ħabbtet u ġie jiftħilha żagħżugħ fuq tiegħu.
"X'għandek bżonn, nann?" staqsieha ż-żagħżugħ hekk kif lemaħha ... u minnufih ix-xwejħa qaltlu kif kienet intilfet fil-foresta u ma kellhiex fejn tgħaddi l-lejl.
"Tibża' xejn," kompla jgħidilha ż-żagħżugħ. Tista' tibqa' tqatta' l-lejl hawn magħna ... miegħi u ma' ħuti."
Ix-xiħa daħlet fid-dar u f'daqqa waħda tilmaħ quddiemha tnax-il żagħżugħ.
"Il-lejla t-tajba, nann," qalulha dawk iż-żgħażagħ.
"Il-lejl it-tajjeb uliedi," weġbithom ix- xwejħa. Wieħed minnhom ġabilha x'tiekol u x'tixrob u wara li kielet, ix-xiħa poġġiet fuq pultruna ġo nofshom.
"Nann, x'jidhirlek minn Jannar?" staqsieha dak iż- żagħżugħ li kien fetħilha l-bieb.
"Eh, Jannar mimli barka u sliem," weġbitu x-xwejħa. "Iġibilna x-xita u jkabbrilna l-ħxejjex. U x-xemx ta' Jannar m'hawnx isbaħ minnha. Ix-xjuħ ta' dari kienu jgħidu, "meta x-xemx issaħħan f'Jannar, fis-sajf ikollok biex timla d-dar!"
Iż- żagħżugħ deher li ħa gost b'dan il-kliem tax-xiħa. Minnufih qabeż żagħżugħ ieħor u staqsieha:
"Allura x'tgħidilna dwar Frar!"
"Frar fawwar jimla l-bjar!" kompliet ix-xiħa. "U fi Frar kull xitla bl-inwar... jiġifieri s-siġar jibdew jimtlew bil-weraq u l-fjuri biex jaħsbu għall-frott. Frar xahar bżonnjuż ħafna."
"U Marzu? X'jidhirlek minn Marzu?" staqsieha żagħżugħ ieħor.

“Marzu x-xahar tar-rebbiegħa,” tbissmet ix- xwejħa, “Il-kampanja tfur bil-ħajja. Nibdew naraw il-friefet u l-għasafar jagħmlu l-bejta.” Wieħed wara l-ieħor kull żagħżugħ beda jistaqsiha dwar ix-xhur tas-sena u x-xiħa sabet xi ħaġa sabiħa f’kull xahar. April qalet li huwa x-xahar tal-bnazzi meta l-jum jidher sewwa li beda jitwal. Lil Mejju sejħitlu x-xahar tal-ward u l-fjuri u Ġunju x-xahar tal-ġid meta l-bdiewa jaħsdu l-qamħ mill-għelieqi tagħhom. Qaltilhom li Lulju kien ix-xahar tal-baħar u tal-ħut. Awwissu kien xahar mill-isbaħ għax jimliena bil-frott. Kompliet tgħidilhom li Settembru kien ix-xahar tal-għasir tal-għeneb, tar-rummien u ta’ San Martin. Ottubru u Novembru kienu x-xhur tal-ġabra tal-familja waqt li Diċembru huwa x-xahar sabiħ tal-Milied. Iż-żgħażagħ kollha ħadu gost jisimgħu dan il-kliem u f’daqqa waħda x-xiħa indunat li kien beda jisbaħ.
“Issa jiena niġi nwasslek sa tarf il-foresta,” qalilha ż-żagħżugħ il-kbir, “imma qabel titlaq nixtiequ nagħtuk dan!” U mal-kelma, iż-żagħżugħ newlilha bastun.
“Meta tasal id-dar, żomm il-bastun f’idek u għidlu, agħmel li għandek tagħmel. U meta tkun tridu jeqaf għidlu Saqqaf!”
Ix- xwejħa rringrazzjathom u flimkien maż- żagħżugħ qabdet triqtha lejn id-dar. Tistgħu taħsbu kif kienet fuq ix-xwiek biex tara dak il-bastun x’kien se jagħmel. Malli waslet ġo darha qabdet il-bastun f’idha u qaltlu:
“Agħmel li għandek tagħmel!”
F’daqqa waħda dak il-bastun beda jaqbeż u jogħla u jferrex fuqha xita ta’ liri tad-deheb. Ix-xiħa lanqas riedet temmen lil għajnejha. L-art tal-kamra tagħha mtliet kollha liri tad-deheb. Meta ġiet f’sensiha x-xiħa qaltlu:
“Saqqaf!”
U l-bastun waqaf.
“Issa kif se naqbad ngħoddhom dawn il-flus kollha,” bdiet tgħid ix-xwejħa bejnha u bejn ruħha.
U minnufih ftakret fil-ġara tagħha, li kienet furnara.
Mela din il-ġara kellha l-forn kbir u kienet tbigħ il-ħobż. Imma kienet mara qalbha ħażina ħafna u għalkemm kienet taf li dik ix-xwejħa kienet mara fqira, qatt ma kienet tħenn għaliha. Qatt ma tatha mqar loqma ħobż biex titrejjaq.
“Immur nitlobha tislifni s-siegħ,” ħasbet ix-xiħa, “is-siegħ li bih tkejjel id-dqiq. B’hekk inkun naf kemm għandi flus!”

U hekk għamlet. Imma meta x-xwejħa talbitha tislifha s-siegħ, il-furnara bdiet tħares lejha bl-ikrah u bejnha u bejn ruħha qalet: "Dan x'jista' għandha xi tkejjel, mara fqira bħal dik!?"
U ta' mara makakka li kienet, qabel ma silfitha s-siegħ, waħħlitlu biċċa għaġina fil-qiegħ biex tara għal xiex kieket se tużah.
Tistgħu taħsbu l-furnara kif baqgħet skantata meta x-xiħa marret tagħtiha s-siegħ lura u mal-għaġina tal-qiegħ sabet imwaħħla lira tad-deheb. U tant bdiet tredden u tistaqsiha mnejn ġabet dawk il-flus kollha ... u tant damet tiffittaha li sa fl-aħħar ix-xwejħa qaltilha bil-biċċa kollha. Il-furnara mtliet bil-għira u waħħlitha f'moħħha li dak il-lejl stess tmur fil-foresta biex tfittex id-dar fejn kienu jgħixu dawk iż-żgħażagħ.
U hekk għamlet... telqet timxi u timxi u wara sagħtejn mixi sabet id-dar bid-dawl jixgħel fit-tieqa. Sabet kollox kif qaltilha x-xwejħa. Ġiet, fetħilha ż-żagħżugħ il-kbir, tawha tiekol u wara l-ikel iż- żagħżugħ saqsieha:
"Allura Nann, x'tgħidilna dwar Jannar!"
Minnufih il-furnara qarrset wiċċha:
"Jannar m'hawnx agħar minnu!" qabżet tgħidlu, "Ħlief kesħa u maltemp ma jafx jagħtina. Puh kemm ma naħmlux!"
"U x'jidhirlek minn Frar?" staqsieha t-tieni żagħżugħ.
"Xi tridu jidhirli?" kompliet tgerger il-furnara, "gwapp daqs Jannar. Kesħa fina u xita ma taqta' xejn. Isakkarna ġewwa qisna ġrieden!"
U hekk baqgħet sejra, tgerger u tmaqdar kull xahar li jsemmulha.
Qalet li Marzu kien ix-xahar tal-kesħa. Lil April għajritu xahar miġnun, għax filli tkun ix-xemx u filli x-xita. Mejju qalet li kien jistordiha bl-irjieħ li jaf jaqla'. F'Ġunju tibda s-sħana u l-qtugħ ta' nifs. Lulju u Awwissu qalet li mhawnx agħar minnhom għax jixwuha bix-xemx qalila tagħhom. Settembru kien ix-xahar misħut tar-riħ isfel, u Novembru u Diċembru jerġgħu jġibu l-kesħa u d-dlam. F'kull xahar sabet xi ħaġa ħażina u maqdrithom kollha kemm huma.
Qabel ma l-furnara telqet lura lejn darha, iż-żagħżugħ il-kbir qalilha: "Ħa, żomm dan il-bastun. Meta tasal id-dar għidlu Agħmel li għandek tagħmel. U meta tkun tridu jeqaf għidlu Saqqaf!"
Il-furnara telqet tiġri bla nifs lejn darha. Kellha seba' mitt sena sa ma tasal biex tara dawk il-liri tad-deheb niżlin jitferrxu fuqha. Imma malli lill-bastun qaltlu "Agħmel li għandek tagħmel!" dan beda jiġri warajha u jċaqċqilha kemm jiflaħ fuq saqajha.

Kemm bdiet tiġri u tgħajjat il-furnara. U bil-qatgħa li kellha fuqha nsiet x'suppost kellha tgħidlu biex jieqaf. Tgħidx kemm damet tiġri mad-dar, bil-bastun jiġri warajha, sa ma ftakret il-kelmiet u qatlu: "Saqqaf"

Bir-rabja li kellha, il-furnara qabdet il-bastun, qasmitu fi tnejn u rmietu 'l barra mit-tieqa. Imma dak il-ħin sewwa, minn quddiem id-dar tagħha nzerta għaddej xwejjaħ fqir, li meta lemaħ dak il-bastun maqsum, waqaf iħares lejh u qal: "Kemm hu sabiħ dal-bastun. Dan nieħdu u nsewwih!"

U hekk għamel. Ħadu d-dar, sewwieh u beda jużah.

Darba waħda, bla ma jaf kif, ġew ġo moħħu l-kelmiet: "Agħmel li għandek tagħmel!"

U malli qal dan il-kliem, il-bastun beda jferra' fuqu xita ta' liri tad-deheb.